

22006D0726

27.10.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 298/21

**DEĊIŻJONI Nru 05/JP/2006 TAL-KUMITAT KONĠUNT IMWAQQAF TAĦT IL-FTEHM DWAR L-GĦARFIEN REĊIPROKU BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ĠAPPUN****tas-26 ta' Settembru 2006****relat ta' mar-reġistrazzjoni tal-Korp għall-Valutazzjoni tal-Konformità skond l-Anness Settorjali dwar it-Tagħmir Terminali tat-Telekomunikazzjoni u t-Tagħmir tar-Radju**

(2006/726/KE)

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar l-Għarfien Reċiproku bejn il-Ġappun u l-Komunità Ewropea u partikolarment l-Artikoli 8(3)(a) u 9(1)(b) tiegħu;

Billi l-Kumitat Konġunt għandu jieħu deċiżjoni li jelenka Korp jew Korpi ta' Valutazzjoni tal-konformità taħt Anness Settorjali;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. Il-Korp għall-Valutazzjoni tal-Konformità indikat hawn taħt huwa rreġistrat skond l-Anness Settorjali dwar it-Tagħmir Terminali tat-Telekomunikazzjoni u t-Tagħmir tar-Radju tal-Ftehim, għall-prodotti u l-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità kif indikat hawn taħt.

Isem, akronimu u dettalji ta' kuntatt tal-Korp għall-Valutazzjoni tal-Konformità:

Isem: Telecom Engineering Center

Akronimu TELEC

Telefown: + 81-3-3799-0051

Fax: + 81-3 -3799 -1313

Email: ninsho@telec.or.jp

Indirizz: 5-7-2 Yashio, Shinagawa-ku, Tokyo, 140-0003, il-Ġappun

Websajt: [http://www.telec.or.jp/eng/Index\\_e.htm](http://www.telec.or.jp/eng/Index_e.htm)

Persuna ta' Kuntatt CAB: Is-sur AMANO Hiroshi

Ambitu ta' reġistrazzjoni f'termini ta' prodotti, rekwiżiti u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità:

*Prodotti:*

1. GSM
2. W-CDMA

*Rekwiżiti:*

1. Għal GSM  
EN 301 419-1, EN 301 419-2, EN 301 419-3, EN 301 419-7 u EN 301 511
2. Għal W-CDMA  
EN 301 908-1 u EN 301 908-2

*Proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità:*

Il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità skond l-Anness 3 u 4 tad-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar tagħmir tar-radju u tagħmir terminali tat-telekomunikazzjoni u l-għarfien reċiproku tal-konformità u l-emendi tagħhom għal dan l-għan

2. Din id-deċiżjoni, magħmula f'żewġ kopji, għandha tkun iffirmata mill-Ko-Presidenti. Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mid-data li fiha ssir l-aħħar firma.

Iffirmata f'Tokjo fit-28 ta' Ġunju 2006. Iffirmata fi Brussell fis-26 ta' Settembru 2006.

*Fisem il-Ġappun*  
Komiko ICHIKAWA

*Fisem il-Komunità Ewropea*  
Andra KOKE